SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

7 ta’ April 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta’ appoġġ dirett – Regoli komuni – Skema ta’ pagament uniku skont is-superfiċji – Regolament (UE) Nru 1307/2013 – Artikolu 4(1)(a) u (c),u (2)(b) – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkundizzjona l-appoġġ dirett għaż-żamma mill-bidwi tal-annimali tiegħu stess – Artikolu 9(1) – Kunċett ta’ ‘bidwi attiv’ – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Artikolu 60 – Klawżola ta’ ċirkomvenzjoni – Kunċett ta’ ‘kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment’”

Fil-Kawża C-176/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta’ Alba Iulia, ir-Rumanija), permezz ta’ deċiżjoni tal-11 ta’ Frar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta’ April 2020, fil-proċedura

**SC Avio Lucos SRL**

vs

**Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj,**

**Agențiade Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele (Relatur), T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal SC Avio Lucos SRL, minn M. Gornoviceanu, avocate,

– għall-Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, minn N.S. Răducan, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

– għall-Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central, minn A. Pintea, bħala aġent,

– għall-Gvern Rumen, minn E. Gane u A. Rotăreanu, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Pavliš u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Sauka u A. Biolan, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 4(1)(a) u (c), u (2)(b), kif ukoll tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7) u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6, u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83.).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn SC Avio Lucos SRL u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj (l-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent għall-Agrikoltura – ċentru tal-kontea ta' Dolj, ir-Rumanija) u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central (l-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent għall-Agrikoltura, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"APIA") fir-rigward ta' deċiżjoni tal-APIA li tiċħad it-talba għall-ħlas ta' rkupru tal-ammont ta' pagament uniku għas-superfiċji inizjalment mogħti lil Avio Lucos għall-kampanja 2015.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003*

3 Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE)

Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), intitolat "Restrizzjonijiet tal-pagament":

"Mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjonijiet speċifiċi fi skemi individwali ta' appoġġ, m'għandu jsir l-ebda pagament lill-benefiċjarji li jinstabu li ħolqu artifiċjalment il-kondizzjonijiet mitluba biex jakkwistaw tali pagamenti bl-intenzjoni li jiksbu vantaġġ kontra l-għanijiet ta' dik l-iskema ta' appoġġ."

*Ir-Regolament Nru 1306/2013*

4 L-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Klawsola ta' ċirkomvenzjoni", jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi, ma għandu jingħata ebda vantaġġ previst fil-leġislazzjoni agrikola settorjali favur persuna fiżika jew ġuridika li dwarha jkun ġie stabbilit li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-kisba ta' vantaġġi bħal dawn inħolqu artifiċjalment, kuntrarju għall-objettivi ta' dik il-leġislazzjoni."

*Ir-Regolament Nru 1307/2013*

5 Il-premessa 3 tar-Regolament Nru 1307/2013 tipprovdi:

"L-elementi bażiċi kollha relatati mal-pagamenti f'appoġġ mill-Unjoni lill-bdiewa għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament li għandu wkoll jiffissa l-kondizzjonijiet ta' aċċess għall-pagamenti li huma intrinsikament marbuta ma' dawk l-elementi bażiċi."

6 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet relatati", jipprovdi:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'bidwi' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun x'ikun l-istatus legali mogħti lil tali grupp u l-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-impriża tiegħu/tagħhom tkun fl-ambitu territorjali tat-Trattati, kif iddefinit fl-Artikolu 52 tat-TUE, flimkien mal-Artikoli 349 u 355 TFUE, u li jeżerċita attività agrikola;

b) 'impriża' tfisser l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli mmexxija minn bidwi li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

c) 'attività agrikola' tfisser:
   i) il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli, inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta' biedja,
   ii) iż-żamma ta' erja agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u makkinarji agrikoli tas-soltu, abbażi ta' kriterji stabbiliti mill-Istati Membri abbażi ta' qafas stabbilit mill-Kummissjoni, jew
   iii) it-twettiq ta' attività minima, definita mill-Istati Membri, fuq erjas agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni;

[…]

2. L-Istati Membri għandhom:

[…]

b) fejn applikabbli fi Stat Membru, jiddefinixxu l-attività minima li għandha titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1;

[…]

3. Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 70 li jistabbilixxi:

[…]

b) il-qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-attivitàminima li trid titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1;

[…]"

7 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Persuni koperti" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li ż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux l-attività minima definita mill-Istati Membri skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(2) f'dawk iż-żoni."

8 Konformement mal-Artikolu 74 tiegħu, ir-Regolament Nru 1307/2013 sar applikabbli fl-1 ta' Jannar 2015.

*Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014*

9 Il-premessi 4 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament Nru 1307/2013 u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1), jipprovdu:

"(4) F'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […], jixraq li jiġi ċċarat li l-Istati Membri, meta jiġu biex jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, għandhom jużaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom filwaqt li josservaw ċerti prinċipji, inkluż, b'mod partikolari, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

[…]

(16) F'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […], id-drittijiet għall-pagament għandhom jingħataw lill-persuna li għandha s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet, il-benefiċċji u r-riskji finanzjarji marbuta mal-attività agrikola fuq l-art li għaliha qed tintalab din l-allokazzjoni. Huwa xieraq li jiġi ċċarat li dan il-prinċipju japplika b'mod partikolari meta ettaru eliġibbli huwa soġġett għal applikazzjoni għal allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament minn aktar minn bidwi wieħed."

10 L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament ta' delega, intitolat "Qafas għall-attivitajiet minimi f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni", jipprevedi:

"Għall-finijiet tal-punt (iii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-attività minima li trid tiġi stabbilita mill-Istati Membri li għandha titwettaq f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni għandha tkun mill-anqas attività annwali waħda mwettqa minn bidwi. Fejn ikun ġustifikat minħabba raġunijiet ambjentali, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrikonoxxu wkoll attivitajiet li jitwettqu biss darba kull sentejn."

## *Id-dritt Rumen*

### *Id-digriet b'urġenza tal-Gvern Nru 34/2013*

11 L-Artikolu 2 tal-Ordonanța de urgență Nru 34 privind organizarea, administrarea și exploatarea pajiștilor permanente și pentru modificarea și completarea Legii fondului funciar nr. 18/1991 (id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 34/2013 li Jikkonċerna l-Amministrazzjoni u l-Użu tal-Mergħat Permanenti u li Jemenda u Jikkompleta l-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet Nru 18/1991 tat-23 ta' April 2013 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 267 tat-13 ta' Mejju 2013, jipprovdi:

"Fis-sens ta' dan id-digriet ta' emerġenza, it-termini u l-espressjonijiet li ġejjin għandhom ifissru:

[...]

c) unità grossa ta' bhejjem (UGB)– unità ta' kejl standard stabbilita fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ta' nutrizzjoni ta' kull tip ta' annimal li tippermetti li sseħħ konverżjoni bejn kategoriji differenti ta' annimali. [...]"

### *L-OUG Nru 3/2015*

12 L-Artikolu 2 tal-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 3/2015 pentru aprobarea schemelor de plăți care se aplică în agricultură în perioada 2015 - 2020 și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 3 li Japprova l-Iskemi ta' Pagament Applikabbli fl-Agrikoltura għall-Perijodu 2015-2020 u li Jemenda l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u ta' Forom Oħra ta' Assoċjazzjoni fl-Agrikoltura), tat-18 ta' Marzu 2015, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 191 tat-23 ta' Marzu 2015) (iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 3/2015") jipprovdi:

"(1) Għall-finijiet tad-digriet b'urġenza preżenti, il-kliem li ġejjin huma ddefiniti kif ġej:

[...]

f) 'bidwi': persuna fiżika jew ġuridika jew forma ta' assoċjazzjoni ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus ġuridiku, li l-impriża tagħhom tinsab fit-territorju tar-Rumanija u li jeżerċitaw attività agrikola;

[...]

Fis-sens tal-paragrafu 1(f), l-espressjoni 'attività agrikola' tfisser, skont il-każ:

[…]

d) l-eżerċizzju ta' attività minima fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għall-ħsad jew għall-kultivazzjoni, permezz tal-ħsad, billi jiżguraw densità ta' 0.3 UGB [l-ettaru] b'annimali mrobbija mill-bidwi jew mill-ħrat annwali fuq il-mergħa permanenti, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tal-mergħat. […]"

13 L-Artikolu 7(1) ta' dan id-digriet jipprovdi:

"Il-benefiċjarji tal-pagamenti huma l-bdiewa attivi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi li jeżerċitaw attività agrikola bħala utenti ta' superfiċji agrikolu u/jew detenturi legali ta' annimali, konformement mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. […]"

14 L-Artikolu 8 tal-OUG Nru 3/2015 jaqra kif ġej:

"(1) Sabiex jikkwalifikaw għal pagamenti diretti previsti fl-Artikolu 1(2), il-bdiewa għandhom:

[…]

(c) jużaw artijiet agrikoli ta' superfiċji minima ta' ettaru; il-ħbula tal-art agrikoli għandhom ikollhom superfiċji minima ta' 0.3 ettaru, u, fil-każ ta' serer, serer solari, vinji, ġonna tas-siġar, ħops, mixtliet u sġajriet tal-frott, il-ħabel tal-art għandu jkollu superfiċji minima ta' 0.1 ettaru u/jew jew ikun il-każ, iżomm numru minimu ta' annimali. […]

[…]

(n) jippreżentaw, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku jew ta' emendi għaliha, id-dokumenti neċessarji li juru l-użu legali ta' artijiet agrikoli, inklużi dawk li fihom żoni ta' interess ekoloġiku, kif ukoll xi annimali. […]

[…]

(6) Id-dokumenti li juru l-użu legali ta' artijiet agrikoli u ż-żamma ta' bhejjem huma ddeterminati permezz ta' digriet tal-[Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali] u huma ppreżentati, skont il-każ, mill-applikanti kollha, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku. Is-superfiċji jew il-bhejjem li għalihom dawn id-dokumenti ma jiġux ippreżentati, ma humiex ammissibbli għall-pagament."

*Id-Digriet Nru 619/2015*

15 L-Artikolu 2 tal-Ordinul ministrului agriculturii și dezvoltării rurale nr. 619/2015 pentru aprobarea criteriilor de eligibilitate, condițiilor specifice și a modului de implementare a schemelor de plăți prevăzute la articolul 1 alineatele (2) și (3) din [OUG nr. 3/2015], precum și a condițiilor specifice de implementare pentru măsurile compensatorii de dezvoltare rurală aplicabile pe terenurile agricole, prevăzute în Programul Național de Dezvoltare Rurală 2014-2020 (l-Ordni tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 619/2015 li Japprova l-Kriterji ta' Ammissibbiltà, tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi u tal-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni tal-Iskemi ta' Pagament previsti fl-Artikolu 1(2) u (3), tal-[OUG Nru 3/2015], kif ukoll tal-Kundizzjonijiet

Speċifiċi tal-Implimentazzjoni tal-Miżuri Kumpensatorji tal-Iżvilupp Rurali Applikabbli għall-Artijiet Agrikoli Msemmija fil-Programm Nazzjonali ta' Żvilupp Rurali 2014-2020), tas-6 ta' April 2015, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 234 tas-6 ta' April 2015) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 619/2015"), jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan id-digriet:

[...]

m) 'detentur tal-annimali'– tfisser persuna li għandha l-pussess tal-annimali b'mod permanenti, bħala proprjetarju tal-annimali u/jew proprjetarju ta' azjenda, u b'mod temporanju, bħala l-persuna responsabbli għalihom waqt is-sena li għaliha ssir l-applikazzjoni, fejn l-annimali huma miżmuma fuq il-bażi ta' dokument stabbilit taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

[...]"

16 L-Artikolu 7(3) ta' dan id-digriet jipprevedi:

"L-utenti tal-mergħat permanenti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irregolati mid-dritt privat, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu (1) u fl-Artikolu 6(1), li jeżerċitaw mill-inqas attività agrikola minima fuq il-mergħat permanenti għad-dispożizzjoni tagħhom taħt il-kundizzjonijiet tal-liġi, kif iddefiniti fl-Artikolu 2(2)(d), tal-[OUG Nru 3/2015], bħala bdiewa attivi, jippreżentaw, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku fi ħdan l-APIA, id-dokumenti previsti fl-Artikolu 5(1) u (2)(a), (b)(i)(c) u (d) kif ukoll, skont il-każ:

a) kopja tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-operat ta' azjenda li fir-rigward tagħha huma rreġistrati l-annimali jew ċertifikat maħruġ mill-veterinarju indipendenti awtorizzat, li juri l-kodiċi tal-impriża agrikola mniżżla fir-reġistru nazzjonali tal-impriżi, validu fid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku, fil-każ fejn il-proprjetarju tal-mergħat permanenti jżomm l-annimali b'mod li hija żgurata densità minima ta' 0.3 UGB [l-ettaru];

[...]"

*Il-Kodiċi Ċivili*

17 L-Artikolu 2.146 tal-Codul Civil (il-Kodiċi Ċivili), adottat bil-Liġi Nru 287 tas-17 ta' Lulju 2009 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 505 tal-15 ta' Lulju 2011), dwar is-self għal użu, jipprovdi:

"Is-self għal użu huwa kuntratt mingħajr ħlas li permezz tiegħu parti, imsejħa "sellief", tqiegħed proprjetà mobbli jew immobbli lill-parti l-oħra, imsejħa "mutwatarju", sabiex din tal-aħħar tużaha, bl-obbligu li tirritornaha wara ċertu żmien."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Avio Lucos ressqet quddiem l-APIA talba għal għajnuna finanzjarja taħt l-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji għas-sena 2015, li tirrigwarda superfiċji ta' 170.36 ettaru ta' mergħat. Għal dan il-għan, hija pproduċiet ċertu numru ta' dokumenti, fosthom kuntratt ta' konċessjoni,

konkluż fit-28 ta' Jannar 2013 mal-Consiliul Local al Comunei Podari (il-Kunsill Lokali tal-Komun ta' Podari, ir-Rumanija), dwar mergħa li tinsab f'dan il-komun kif ukoll kuntratti ta' self għal użu, konklużi fix-xahar ta' April 2015 bejn Avio Lucos u proprjetarji differenti tal-annimali, li permezz tagħhom dawn l-annimali jintużaw għall-mergħa u jikkontribwixxu għalhekk għall-attività agrikola ddikjarata.

19 B'deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2017, l-APIA rrifjutat din it-talba, minħabba li Avio Lucos ma kinitx żgurat l-imposta minima ta' 03. UGB/ettaru għas-superfiċji kollha tal-mergħa ta' 170.36 ettaru. Skont din l-aġenzija, ir-ragħa kienet effettivament twettqet mhux mill-annimali ta' Avio Lucos, iżda minn dawk tal-proprjetarji li magħhom huwa kien ikkonkluda kuntratt ta' self għal użu. Avio Lucos ippreżentat ilment kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud mill-APIA fl-4 ta' Jannar 2018.

20 Avio Lucos ikkontestat din l-aħħar deċiżjoni quddiem it-Tribunalul Dolj (il-Qorti tal-Kontea ta' Dolj, ir-Rumanija), li ċaħdet ir-rikors tagħha permezz tas-sentenza tat-28 ta' Jannar 2018. Essenzjalment, l-imsemmija qorti qieset li l-kuntratt ta' konċessjoni kien ġie konkluż bi ksur tad-dritt nazzjonali, peress li, b'mod partikolari, Avio Lucos ma kellhiex il-kwalità ta' min irabbi l-annimali fid-data tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt u li l-imposta ta' 0.3 UGB/ettaru kellha tiġi osservata f'din id-data. Għaldaqstant, din il-kumpannija ma kinitx legalment awtorizzata tieħu bħala konċessjoni l-mergħat inkwistjoni, b'tali mod li t-talba tagħha għal ħlas ma kinitx ammissibbli. Sussegwentement, Avio Lucos, minkejja l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ħolqot artifiċjalment il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-għajnuna finanzjarja. Fl-aħħar, interpretazzjoni estensiva tal-kunċett ta' "persuna li trabbi l-annimali", bħal dik proposta minn Avio Lucos, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, peress li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, sabiex jirrifjutaw l-għajnuna mitluba, jibbażaw ruħhom esklużivament fuq id-data li tinsab fis-sistema nazzjonali ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni individwali tal-annimali, mingħajr ma jkollhom neċessarjament iwettqu verifiki oħra.

21 Avio Lucos appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija). Insostenn tar-rikors tagħha, hija ssostni b'mod partikolari li l-imsemmija sentenza qieset b'mod żbaljat li hija ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni dwar il-kwalità ta' persuna li trabbi l-annimali.

22 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont il-kliem tal-Artikolu 4(1)(a) u (c) tar-Regolament Nru 1307/2013, taqa' speċifikament fil-kunċett ta' "bidwi", persuna fiżika jew ġuridika li teżerċita "attività agrikola", li tista' tikkonsisti, skont l-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament, fl-eżerċizzju ta' attività minima, iddefinita mill-Istati Membri, fuq is-superfiċji agrikoli naturalment ppreżervati fi stat li jrenduhom adattati għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni. Fir-rigward ta' tali attività minima, l-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament iħalli għall-Istati Membri l-possibbiltà li jiddefinixxuha. Madankollu, il-leġiżlatur Rumen kien ippreveda, f'dan ir-rigward, li l-attività agrikola għandha titwettaq bl-annimali mrobbija mill-bidwi stess, u eskluda l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għal kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita din l-attività permezz ta' intermedjazzjoni, li, skont l-APIA, huwa l-każ ta' Avio Lucos.

23 Din il-qorti tqis li l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4(1)(a) u (ċ) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali u, fin-negattiv, jekk l-istess dispożizzjoni kif ukoll l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament jippermettu li jitqies li persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni u kuntratti ta' self għal użu f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", ma hijiex nieqsa minn inċertezza. Barra minn hekk, peress li Avio Lucos issodisfat, minn perspettiva formali, il-kriterji ta' ammissibbiltà previsti

mid-dritt nazzjonali, l-istess qorti tistaqsi jekk il-konklużjoni ta’ kuntratt ta’ konċessjoni u ta’ kuntratti ta’ self, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux jaqgħu fil-kunċett ta’ “kundizzjonijiet li nħolqu artifiċjalment”, previst fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013.

24 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta’ Alba Iulia) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

“1) Ir-[Regolament Nru 1307/2013] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-attività minima li għandha titwettaq fuq superfiċji agrikola normalment miżmuma f’kundizzjoni xierqa għall-mergħa hija li jirgħu l-annimali mrobbija mill-bidwi?

2) Sakemm id-dritt tal-Unjoni ċċitat iktar ’il fuq ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fl-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Artikolu 4(l)(a) u (c) u tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 jistgħu jiġu interpretati fis-sens li “bidwi attiv” jista’ jitqies bħala persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta’ konċessjoni f’ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali u li għandha annimali fuq il-bażi ta’ kuntratt ta’ self għall-użu konkluż ma’ persuni fiżiċi, li permezz tiegħu min isellef jafda lil min jissellef, bla ħlas, l-annimali li għandu fil-kwalità tiegħu ta’ proprjetarju, bl-iskop li jintużaw għar-ragħa, fis-superfiċji agrikoli intiżi għar-ragħa pprovduti lil min jissellef u matul il-perijodi ta’ żmien innegozjati?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 60 tar-[Regolament Nru 1306/2013] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjonijiet artifiċjali huma maħsuba sabiex jinkludu wkoll il-każ ta’ kuntratt ta’ konċessjoni u ftehim ta’ self għall-użu bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali?”

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

25 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta’ kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. F’dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk ikun meħtieġ, tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew ippreżentati lilha (sentenza tat-18 ta’ Novembru 2021, Evroetil, A. S.A., C-212/20, EU:C:2021:934, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F’dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li, minkejja l-fatt li l-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1307/2013 li titlob l-interpretazzjoni tagħhom, mill-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dubji ta’ din il-qorti jirrigwardaw speċifikament l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament, u b’mod partikolari tal-paragrafu 1(ċ)(iii), kif ukoll tal-paragrafu 2(b) ta’ dan l-artikolu.

27 Sussegwentement, hekk kif dan ġie kkonfermat mill-Gvern Rumen, l-espressjoni “superfiċji agrikoli miżmuma b’mod naturali” li tissemma fl-ewwel domanda u li tuża l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2)(d) tal-OUG Nru 3/2015, għandha tinftiehem bħala sinonima tal-espressjoni “erjas agrikoli li huma miżmuma b’mod naturali”, li tidher fl-Artikolu 4(1)(c)(iii) u fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

28 Fl-aħħar, b'risposta għal talba għal kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li l-espressjoni "annimali mrobbija mill-bidwi", użata wkoll fil-formulazzjoni tal-ewwel domanda tagħha u li tinsab fl-Artikolu 2(2)(d) tal-OUG Nru 3/2015, ma hijiex iddefinita fid-dritt nazzjonali. Skont l-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Rumen, il-kunċett ta' "annimali mrobbija mill-bidwi" jikkoinċidi kemm mal-kunċett ta' "żamma" ta' annimali, previst fl-Artikolu 8(6) tal-OUG Nru 3/2015, kif ukoll ma' dak ta' "min iżomm l-annimali", previst fl-Artikolu 2(m) tad-Digriet Nru 619/2015.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(c)(iii) u (2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima fuq is-superfiċji agrikoli naturalment miżmuma fi stat li jirrendihom adattati għall-mergħa jew għall-kultivazzjoni, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tiġi eżerċitata mill-bidwi permezz tal-annimali li huwa stess iżomm.

30 Fil-fatt, skont il-kliem tal-Artikolu 4(1)(c)(iii) tar-Regolament Nru 1307/2013, "attività agrikola" tfisser, b'mod partikolari, it-twettiq ta' attività minima, iddefinita mill-Istati Membri, fuq superfiċji agrikoli miżmuma normalment fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni. Barra minn hekk, il-paragrafu 2(b) ta' dan l-artikolu jippreċiża li l-Istati Membri "għandhom jiddefinixxu l-attività minima li trid titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1".

31 Kif jirriżulta b'mod ċar mill-formulazzjoni tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddefinixxu t-tip ta' attività minima li għandha tiġi eżerċitata b'mod partikolari fuq is-superfiċji agrikoli adattati naturalment għall-mergħa.

32 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dan il-marġni ta' diskrezzjoni jinkludix il-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jipprevedu, fil-leġiżlazzjonijiet interni rispettivi tagħhom, kundizzjoni li tgħid li din l-attività minima għandha tiġi eżerċitata mill-bidwi permezz tal-annimali li huwa għandu, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4(3)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprovdi li, sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali, il-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta atti ddelegati bil-għan li tistabbilixxi l-kuntest li fih l-Istati Membri jiddefinixxu l-imsemmija attività minima.

33 Ir-Regolament ta' Delega Nru 639/2014, adottat għal dan il-għan, filwaqt li jiddikjara, fil-premessa 4 tiegħu, li l-Istati Membri, meta jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jeżerċitaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom billi josservaw ċerti prinċipji, u b'mod iktar partikolari l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, huwa limitat f'dan ir-rigward li jipprevedi, fid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament Nru 1307/2013, u b'mod partikolari fl-Artikolu 5 tiegħu, li jiddelimita l-qafas imsemmi fil-punt preċedenti, li "[g]ħall-finijiet tal-punt (iii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-[Regolament Nru 1307/2013], l-attività minima li trid tiġi stabbilita mill-Istati Membri li għandha titwettaq f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni għandha tkun mill-anqas attività annwali waħda mwettqa minn bidwi", l-Istati Membri jibqgħu madankollu liberi, meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet ambjentali, li jirrikonoxxu wkoll attivitajiet li huma eżerċitati kull sentejn.

34 Minn dan isegwi, minn naħa, li l-attività minima għandha, bħala prinċipju, tiġi eżerċitata fuq dawn is-superfiċji agrikoli mill-inqas darba fis-sena. Min-naħa l-oħra, din l-attività minima għandha tiġi eżerċitata "mill-bidwi".

35 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1307/2013, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "bidwi", ma jippreċiżax in-natura tad-dritt li dan tal-aħħar għandu jkollu fuq l-annimali li, jekk ikun il-każ, huwa jirgħa fuq tali superfiċji agrikoli.

36 Madankollu, din id-dispożizzjoni tindika, essenzjalment, li bidwi huwa persuna li l-azjenda tiegħu tinsab fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati u li teżerċita attività agrikola. Din hija ddefinita fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-regolament bħala l-unitajiet kollha ta' produzzjoni "mmexxija" minn bidwi li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li l-unitajiet ta' produzzjoni mmexxija mill-bidwi inkwistjoni jinkludu l-annimali li jintużaw għar-ragħa, sa fejn dan tal-aħħar għandu fuq dawn l-annimali setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punti 61 u 62, kif ukoll tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 58).

37 Tali interpretazzjoni hija kkonfermata mill-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014 li jistabbilixxi, essenzjalment, li d-drittijiet għall-pagament għandhom jingħataw lill-persuna li għandha s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet, tiġbor il-benefiċċji u tieħu r-riskji finanzjarji marbuta mal-attività agrikola fuq l-art li għaliha tintalab din l-allokazzjoni.

38 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 28 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju enfasizzat, essenzjalment, li l-"possessur ta' annimali", fis-sens tal-Artikolu 2(m) tad-Digriet Nru 619/2015, huwa jew il-persuna li għandha annimali b'mod permanenti, fil-kwalità ta' proprjetarju ta' annimali u/jew ta' proprjetarju ta' adjenza agrikola, jew dik li żżomm l-annimali b'mod temporanju, abbażi ta' kuntratt konkluż fil-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, matul is-sena kollha tat-talba.

39 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-APIA ppreċiżat, fuq dan il-punt, minn naħa, li fir-Rumanija, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-annimali tal-ifrat hija żgurata mid-database informatika nazzjonali kif ukoll mis-sistema nazzjonali ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-annimali u, min-naħa l-oħra, li l-kwalità ta' proprjetarju ta' annimali u/jew ta' detentur temporanju ta' annimali għandha tiġi pprovata permezz tal-"karta tal-azjenda", jiġifieri d-dokument ta' identifikazzjoni tal-operat ta' azjenda agrikola tal-annimali, peress li kull operat agrikolu fir-Rumanija għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru nazzjonali tal-azjendi u għandu jirċievi kodiċi alfanumeriku uniku u permanenti. Madankollu, it-talba għall-ħlas uniku tas-superfiċji ta' Avio Lucos ma stabbilixxietx, permezz ta' dan, il-kwalità tagħha ta' proprjetarju ta' annimali jew ta' detentur temporanju ta' annimali.

40 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest ta' skemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-politika agrikola komuni (PAK), dawn tal-aħħar jistgħu jipprovdu preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-provi li għandhom jiġu prodotti insostenn ta' talba għal għajnuna billi jirreferu, b'mod partikolari, għall-prattiki abitwali fit-territorju tagħhom fil-qasam tal-agrikoltura relatati maż-żamma mill-bidwi tal-annimali użati għall-mergħa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 82).

41 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-database ta' sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali hija intiża li tiggarantixxi traċċabbiltà effiċjenti fiż-żmien reali tagħhom, li hija essenzjali għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, u li tali

database hija ta' natura li tikkonferma l-fatt li huma ssodisfatti l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċċju ta' għajnuna, bħal dik dwar id-densità tal-bhejjem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Nagy, C-21/10, EU:C:2011:505, punt 42).

42 Xorta jibqa' l-fatt li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-marġni diskrezzjonali tagħhom relatata mal-provi li għandhom jiġu prodotti insostenn ta' talba għal għajnuna, għandu josserva l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-Unjoni u mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jeżiġi li l-mezzi implimentati minn dispożizzjoni jkunu adatti għat-twettiq tal-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini et, C-375/08, EU:C:2010:365, punti 86 u 87, kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2020, Land Berlin (Drittijiet għall-pagament marbuta mal-PAK), C-216/19, EU:C:2020:1046, punt 35).

43 Hija qabelxejn il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan il-prinċipju ġiex osservat fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 89).

44 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Rumen indika li, b'mod partikolari, meta stabbilixxa l-attivitajiet minimi għas-superfiċji agrikoli miżmuma naturalment fi stat li jirrendihom adattati għall-mergħa, il-leġiżlatur Rumen ried jiffaċilita l-aċċess dirett għall-mergħat inkwistjoni għall-ikbar numru possibbli ta' proprjetarji jew ta' possessuri tal-annimali, u mhux għall-persuni li jeżerċitaw attivitajiet agrikoli fil-forma ta' intermedjazzjoni.

45 F'dan ir-rigward, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali għan josserva dawk imfittxija mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 39(1)(b) TFUE jipprovdi li l-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-PAK jipprovdu għajnuna diretta għad-dħul, li għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola, b'mod partikolari biż-żieda tad-dħul individwali ta' dawk li jaħdmu fl-agrikoltura.

46 Fir-rigward tal-kapaċità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex tilħaq l-għan tagħha, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, li din tidher li hija xierqa sabiex jintlaħaq dan l-għan, li jikkonsisti, kif jirriżulta mill-punt 44 ta' din is-sentenza, fl-iffaċilitar tal-aċċess dirett għall-mergħat inkwistjoni għall-ikbar numru possibbli ta' proprjetarji jew ta' possessuri tal-annimali.

47 Barra minn hekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni lanqas ma tidher li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, għandu jitfakkar li l-eżami tal-proporzjonalità għandu jsir b'kunsiderazzjoni, partikolarment, għall-għanijiet tal-PAK, li jeżiġi bbilanċjar bejn dawn l-għanijiet u dak imfittex minn din il-leġiżlazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et*, C-333/14, EU:C:2015:845, punti 28 u 40).

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(1)(c)(iii) u (2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma normalement fi stat li jirrendihom adattati għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tiġi eżerċitata mill-bidwi permezz tal-annimali fl-pussess tiegħu stess.

### *Fuq it-tieni domanda*

49 Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, magħmula fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(a) u (c), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' ragħa, proprjetà ta' muniċipalità u li jirgħa l-annimali li ġew mislufa lilu, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma l-proprjetarji tagħhom.

50 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħhom konformement mas-sens abitwali tagħhom fil-lingwa komuni, iżda wkoll il-kuntest u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini et, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 58, u tad-29 ta' Lulju 2019, Pelham et, C-476/17, EU:C:2019:624, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1307/2013, li jikkonċerna, skont it-titolu tiegħu, il-kunċett ta' "bidwi attiv", għandu jiġi rrilevat, l-ewwel, li din id-dispożizzjoni tipprovdi espressament, fil-paragrafu 1 tagħha, li ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li s-superfiċji agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma normalment fi stat li jagħmilhom tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux fuq dawn is-superfiċji l-attività minima ddefinita mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2)(b) ta' dan ir-regolament, fejn dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, kif jirriżulta mill-użu tal-konġunzjoni "u" f'dan l-Artikolu 9(1).

52 Fil-każ inkwistjoni, huwa paċifiku li s-superfiċji agrikoli inkwistjoni jikkonsistu prinċipalment f'superfiċji agrikoli miżmuma normalment fi stat adatt għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

53 Barra minn hekk, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li bidwi li ma jwettaqx fuq dawn is-superfiċji l-attività minima ddefinita mill-Istati Membri, konformement mal-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament, ma jistax jitqies li huwa "bidwi attiv", u għaldaqstant kull pagament dirett għandu jiġi rrifjutat lilu.

54 It-tieni, sabiex tkun tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013, persuna għandha, minn qabel, tissodisfa r-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu 4(1)(a) ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li l-kunċett ta' "bidwi" jirreferi għal persuna "li l-azjenda tagħha tinsab fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati [...] u li teżerċita attività agrikola".

55 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punt 36 ta' din is-sentenza, il-kunċett ta' "azjenda", iddefinit fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-regolament jinkludi l-unitajiet kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi.

56 Madankollu, minn naħa, fir-rigward tar-rekwiżit li unità ta' produzzjoni għandha tiġi "mmexxija" minn bidwi, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' ġestjoni ma jimplikax l-eżistenza, favur il-bidwi, ta' setgħa ta' dispożizzjoni illimitata fuq is-superfiċji kkonċernata fil-kuntest tal-użu tagħha għal finijiet agrikoli. Kuntrarjament, il-bidwi inkwistjoni għandu jkollu, fir-rigward ta' din is-superfiċji, awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-azjenda agrikola tiegħu, li

għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża li tressqet għal eżami quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punti 61 u 62, kif ukoll tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 58).

57 Minn dan isegwi li l-fatt li s-superfiċji użati għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività agrikola kienu s-suġġett ta' kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' ragħha li tappartjeni lil muniċipalità huwa irrilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk bidwi jaqax taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", sa fejn il-bidwi inkwistjoni għandu fir-rigward ta' din is-superfiċji awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu.

58 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 36 ta' din is-sentenza, l-"unitajiet ta' produzzjoni", imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-regolament, jinkludu l-annimali li jintużaw għall-mergħa, sakemm il-bidwi kkonċernat ikollu setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti fuq dawn l-annimali għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża suġġetta għall-evalwazzjoni tagħha.

59 Minn dan isegwi li, fil-kawża prinċipali, il-fatt li Avio Lucos tirgħa annimali li ġew mislufa lilha, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma proprjetarji tagħha, huwa wkoll irrilevanti għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk din il-persuna ġuridika taqax taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013, sakemm, kif jirriżulta mill-punt preċedenti, din ikollha setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju agrikolu tagħha fuq dawn l-annimali.

60 Fit-tieni lok, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) u (ċ) kif ukoll tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013, kif jirriżulta mill-punti 50 sa 59 ta' din is-sentenza, hija kkorroborata mill-kuntest li jagħmlu parti minnu dawn id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 37 ta' din is-sentenza, il-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014, tipprovdi, essenzjalment, li d-drittijiet għall-pagament għandhom jiġu attribwiti lill-persuna li għandha s-setgħa li tieħu deċiżjoni, li tirċievi l-profitti u li tassumi r-riskji finanzjarji fir-rigward tal-attività agrikola fuq l-artijiet li għalihom hija mitluba din l-allokazzjoni.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, sa fejn il-bidwi għandu setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti fuq l-annimali tal-azjenda agrikola tiegħu għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu, jirċievi l-benefiċċji u jassumi r-riskji finanzjarji fir-rigward tal-attività agrikola fuq l-artijiet li għalihom saret l-applikazzjoni għal għajnuna, il-fatt li bidwi jeżerċita attività agrikola ma' annimali mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu fil-kuntest ta' kuntratt ta' self għal użu ma jeskludix li dan il-bidwi jitqies li huwa "bidwi attiv" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013.

62 Tali interpretazzjoni hija, fit-tielet lok, konformi mal-għan imfittex minn dan ir-regolament. B'mod partikolari, l-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-PAK jipprovdu għajnuna diretta għad-dħul, li għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, b'mod partikolari biż-żieda tad-dħul individwali ta' dawk li jaħdmu fl-agrikoltura.

63 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, sa fejn l-għajnuna diretta hija mogħtija lill-bdiewa li għandhom setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti fuq l-annimali użati għall-mergħa fil-kuntest tal-użu tagħhom għal finijiet agrikoli, li huma

jirċievu l-profitti u jassumu r-riskji finanzjarji fir-rigward tal-attività agrikola fuq l-artijiet li għalihom din l-allokazzjoni hija mitluba, il-fatt li dawn l-annimali jintużaw fil-kuntest ta' kuntratt ta' self ma huwiex determinanti.

64 F'dan il-każ, mir-risposta għall-ewwel domanda jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima fuq is-superfiċji agrikoli naturalment miżmuma fi stat li jirrendihom adattati għall-mergħa jew għall-kultivazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 4(1)(ċ)(iii) u (2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013, għandha tiġi eżerċitata mill-bidwi, permezz tal-annimali li huwa jżomm. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punt 38 tas-sentenza preżenti, f'dan il-każ, "min iżomm l-annimali", kif iddefinita fl-Artikolu 2(m) tad-Digriet Nru 619/2015, mhux biss hija l-persuna li għandha l-pussess tal-annimali b'mod permanenti, bħala proprjetarju tal-annimali u/jew proprjetarju tal-impriża tagħhom, iżda wkoll il-persuna li għandha pussess ta' dawn l-annimali b'mod temporanju, bħala l-persuna responsabbli għalihom waqt is-sena li għaliha ssir l-applikazzjoni, fejn l-annimali huma miżmuma fuq il-bażi ta' dokument stabbilit taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Tali definizzjoni ma tidhirx, bħala prinċipju, li teskludi mill-kunċett ta' "min iżomm l-annimali" il-persuna li għandha annimali li huma fdati lilha, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma proprjetarji tagħhom, u li għandha setgħa ta' dispożizzjoni suffiċjenti fuq dawn l-annimali għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tagħha. Peress li tali konstatazzjoni timplika interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha, jekk ikun il-każ, twettaqha.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(1)(a) u (ċ) kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens ta' din it-tieni dispożizzjoni, persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji tar-ragħa li tappartjeni lil muniċipalità u li tirgħa hemmhekk annimali li ġew mislufa, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma l-propretarji tagħhom, sa fejn din il-persuna teżerċita, fuq dan is-superfiċji tar-ragħha, "attività minima" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament.

### *Fuq it-tielet domanda*

66 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013 għandux jiġi interpretat fis-sens li sitwazzjoni li fiha l-applikant għal appoġġ finanzjarju taħt l-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji jipproduċi, insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' mergħa u kuntratti ta' self għall-użu, mingħajr ħlas, li jikkonċerna l-annimali intiżi għar-ragħa fuq dawn is-superfiċji, tistax taqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

67 Skont l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013, bla ħsara għal dispożizzjonijiet speċifiċi, ma għandu jingħata ebda wieħed mill-vantaġġi previsti fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali favur persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun ġie stabbilit li dawn ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet rikjesta għall-kisba ta' vantaġġi bħal dawn, li jmur kontra l-għanijiet ta' din il-leġiżlazzjoni.

68 Fid-dawl tal-kliem tiegħu, l-imsemmi Artikolu 60 li huwa, essenzjalment, repetizzjoni tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 1782/2003, jinkludi l-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza eżistenti, li tipprevedi li l-partijiet fil-kawża ma jistgħux b'mod qarrieqi jew abbużiv jinvokaw id-dritt tal-Unjoni.

69 Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-applikazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri prattiki abbużivi ta' operaturi ekonomiċi (sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Slancheva sila, C-434/12, EU:C:2013:546, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prova ta' prattika abbużiva min-naħa tal-benefiċjarju potenzjali ta' tali għajnuna teħtieġ, minn naħa, numru ta' ċirkustanzi oġġettivi li minnhom jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, l-għan imfittex minn din il-leġiżlazzjoni ma ġiex milħuq u, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ksib tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Slancheva sila, C-434/12, EU:C:2013:546, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' dawn iż-żewġ elementi, li l-prova tagħhom għandha titressaq b'mod konformi mar-regoli tad-dritt nazzjonali, sakemm ma jkunx hemm preġudizzju fil-konfront tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, tat-12 ta' Settembru 2013, Slancheva sila, C-434/12, EU:C:2013:546, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Huwa f'dan il-kuntest li għandhom jiġu interpretati l-kunċetti ta' "ħolqien artifiċjali" tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-benefiċċju ta' ħlas u ta' "vantaġġ mhux konformi" fis-sens tal-Artikolu 4(60) tar-Regolament Nru 1307/2013.

73 Minn naħa, fir-rigward tal-element oġġettiv imsemmi fil-punt 70 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 39(1)(b) TFUE jirriżulta li l-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-PAK jipprovdu għajnuna diretta għad-dħul, li għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, b'mod partikolari biż-żieda tad-dħul individwali ta' dawk li jaħdmu fl-agrikoltura. Madankollu, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għoti ta' tali sostenn lil persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' mergħa u li, peress li ma jkollhiex in-numru ta' annimali meħtieġa sabiex jiġu sfruttati dawn il-mergħat, tikkonkludi kuntratti ta' self għal użu li jirrigwardaw l-annimali intiżi għar-ragħa fuq dawn is-superfiċji, jista' jikkostitwixxi abbuż ta' dan is-sostenn, għad-detriment ta' parti mill-popolazzjoni agrikola, f'dan il-każ il-persuni li jirgħu l-annimali tagħhom stess fuq l-imsemmija superfiċji.

74 Min-naħa l-oħra, kif enfasizza wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 74 tal-konklużjonijiet tiegħu, skont l-element suġġettiv li hemm fil-punt 70 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha ta' dan il-każ sabiex jiġi ddeterminat jekk Avio Lucos kellhiex ir-rieda li tikseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi toħloq "artifiċjalment" il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu. Fost dawn il-fatti li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni hemm il-konklużjoni, bi ksur tad-dritt nazzjonali applikabbli, tal-kuntratt ta' konċessjoni jew anki il-kontenut tal-kuntratti ta' self għal użu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari jekk minn dan jirriżulta li l-mergħa tal-annimali mislufa titwettaq mhux minn Avio Lucos iżda mill-proprjetarji ta' dawn l-annimali.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li sitwazzjoni li fiha l-applikant għal appoġġ finanzjarju taħt l-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji, insostenn tat-talba tiegħu, jipproduċi prova ta' kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' mergħa u kuntratti ta' self għall-użu, mingħajr ħlas, li jikkonċerna l-annimali intiżi li jirgħu dawn

is-superfiċi, tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn, minn naħa, miċ-ċirkustanzi oġġettivi kollha jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, l-għan imfittex minn din il-leġiżlazzjoni ma jkunx intlaħaq u, min-naħa l-oħra, li tiġi stabbilita r-rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jinħolqu artifiċjalment kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 4(1)(c)(iii) u (2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma normalement fi stat li jirrendihom adattati għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tiġi eżerċitata mill-bidwi permezz tal-annimali fl-pussess tiegħu stess.**

2) **L-Artikolu 4(1)(a) u (ċ) kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens ta' din it-tieni dispożizzjoni, persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji tar-ragħa li tappartjeni lil muniċipalità u li tirgħa hemmhekk annimali li ġew mislufa, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma l-propretarji tagħhom, sa fejn din il-persuna teżerċita, fuq dan is-superfiċji tar-ragħha, "attività minima" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament.**

3) **L-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li sitwazzjoni li fiha l-applikant għal appoġġ finanzjarju taħt l-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji, insostenn tat-talba tiegħu, jipproduċi prova ta' kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' mergħa u kuntratti ta' self għall-użu, mingħajr ħlas, li jikkonċerna l-annimali intiżi li jirgħu dawn is-superfiċi, tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn, minn naħa, miċ-ċirkustanzi oġġettivi kollha jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, l-għan imfittex minn din il-leġiżlazzjoni ma jkunx intlaħaq u, min-naħa l-oħra, li tiġi stabbilita r-rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jinħolqu artifiċjalment kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu.**

Firem